# Qed inħallsu 17-il miljard ewro kull sena lill-ekonomija Ingliża

**Għażiż membru parlamentari,**

F'Ottubru 2005 deher rapport interessanti bil-Franċiż ara: **http://cisad.adc.education.fr/hcee/documents/rapport_Grin.pdf** ta' l-Isvizzeru Prof. Francois Grin. L-aktar li jolqtok f'dar-rapport hu li minħabba d-dominanza internazzjonali tallum tal-lingwa Ingliża, l-Ingilterra qed taqla' kull sena minn 17 sa 18-il miljard ewro, li jiġu aktar mit-tripplu tal-famuż ribass Ingliż, jew 1% tal-produzzjoni gross nazzjonali. Fi kliem ieħor, kull wieħed mit-394 miljun bniedem mhux Ingliż ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom dawk li jgħixu fl-ifqar pajjiż li għadhom kemm saru membri, qed jgħin kull sena lill-ekonomija Ingliża.

Dan l-ammont l-Ingilterra qed tieħdu mill-bejgħ ta' kotba u ta' ħwejjeġ oħra marbuta mal-lingwa Ingliża u mis-700,000 li kull sena jżuru l-Ingilterra biex jitgħallmu l-lingwa, barra mit-tfaddil li jiġi min-nuqqas ta' tagħlim ta' lingwi barranin fl-iskejjel Ingliżi. Hawn m'aħniex nitkellmu fuq il-pagamenti ekonomiċi kollha lir-Renju Unit minħabba kawżi lingwistiċi, imma fuq 75% minnhom , li l-awtur jikkwalifika bħala frott ta' l-eġemonija tal-lingwa nnifisha.

Dal-professur ta' l-universita` ta' Ġinevra, speċjalista ta' l-ekonomija lingwistika, **Francois Grin**, ippubblika dossier vast fejn analizza l-politika lingwistika ta' l-Unjoni Ewropea. L-istudju kien ordnat u ppubblikat mill-Kunsill għoli għall-valur tas-sistema ta' tagħlim (bil-Franċiż: **Haut Conseil de l'evaluation de l'ecole**): organizzazzzjoni Franċiża pubblika u awtonoma li tivvalorizza u tanalizza l-istat ta' tagħlim fi Franza.

Ir-rapport jistaqsi:*liema hi l-aħjar għażla ta' lingwa tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea?*

## B'sistema aktar ġusta, l-Unjoni Ewropea tista' tfaddal mill-inqas 25 miljun ewro kull sena!

Dan l-ekonomista Svizzeru jipproponi għażla bejn tliet xenarji possibbli:

*1.l-Ingliż bħala lingwa waħdanija;*
*2.l-użu ta' diversi lingwi;*
3.*l-għażla ta' l-Esperanto bħala lingwa interna tax-xogħol fl-organi ta' l-Unjoni Ewropea.*

It-tielet possibbilta`, l-Esperanto, tidher irħas u toffri drittijiet indaqs għal kulħadd, imma Grin jaħseb li għalissa mhix possibbli minħabba l-preġudizzji qawwija kontra l-Esperanto li huma bbażati fuq sempliċi nuqqas ta' tagħrif. Biss jaħseb li tista' tkun strateġija possibbli għal ġenerazzjoni ġdida, imma taħt żewġ kundizzjonijiet:

* Kampanja ta' tagħrif wiesgħa u twila fl-Unjoni Ewropea kollha fuq li l-lingwi mhumiex indaqs u fuq l-Esperanto;
* Kollaborazzjoni bejn l-istati-membri kollha f'dil-kampanja.

Dan jista' jmexxi għal iffrankar kull sena lill-Unjoni Ewropea ta' 25 miljard ewro! **"F'dan, 85% tal-popolazzjoni ta' l-Ewropa tal-25 għandhom interess dirett u qawwi," jgħid il-Prof. Grin.**

B'rispett.

Margareta Handzlik, membru parlamentari ta' l-Unjoni Ewropea; mhandzlik@europarl.eu.int

Prof. Renato Corsetti, Universala Esperanto-Asocio; Renato.Corsetti@uniroma1.it

Dr Sean O Riain, Eŭropa Esperanto-Unio. sean.oriain@web.de

**PS-L-Esperanto biex jgħin it-tagħlim ta' lingwi oħra: www.springboard2languages.org**

Brussel/Bruxelles, 2006-05-29